



Brussell, 27 ta' April 2021
(OR. en)

8187/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0075(NLE)

FISC 67
ECOFIN 387
ENER 141

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	7555/21 - COM(2021) 152 final
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kroazja biex tapplika eżenzjoni mit-taxxa fuq żejt tal-gass użat biex jiġihaddem makkinarju għat-tneħħija tal-mini għal skopijiet umanitarji b'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE - Adozzjoni

1. Fil-31 ta' Marzu 2021, il-Kunsill irċieva l-proposta tal-Kummissjoni¹ dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq.
2. Ma tqajmet l-ebda oġġezzjoni kontra s-sustanza ta' din id-deroga fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Tassazzjoni Indiretta).
3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill:
 - jadotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni msemmija hawn fuq kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 7892/21 b'ħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss;

¹ Dok. 7555/21.

- jiddeċiedi, minħabba l-urġenza, jekk ma ssir l-ebda laqgħa formali tal-Kunsill qabel it-12 ta' Mejju 2021, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/430, kif estiża bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/556, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/702, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/970, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1253, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1659, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/26 u bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/454, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tat-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tawtorizza lir-Repubblika tal-Kroazja biex tapplika eżenzjoni mit-taxxa fuq żejt tal-gass użat biex jitħaddem makkinarju għat-tneħħija tal-mini għal skopijiet umanitarji b'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE kif tinsab fid-dokument 7892/21;
- jaqbel dwar il-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni msemmija hawn fuq fil-Ġurnal Uffiċjali.
